# LECTIO DIVINA

# IT-TLIETA U TLETIN ĦADD

# MATUL IS-SENA (SENA Ċ)

## Lq 21,5-19

**KUNTEST**

Huwa l-aħħar diskors ta' Ġesu' skont is-Sinottiċi. Iseħħ matul iż-żmien tal-Għid, fit-tempju. Filwaqt li Marku kien qed igħix fl-istennija li l-Mulej ser jiġi malajr Luqa qed jikteb lit-tielet ġenerazzjoni. Qed jikteb fis-snin 85. Mill-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesu' sa dak iż-żmien kienu ġraw ħafna avvenimenti, fosthom il-qerda tat-tempju li seħħet fis-sena 70. Għal-Lhud il-qerda tat-tempju ta' Ġerusalemm kien ifisser il-qerda tad-dinja. Fid-dawl ta' dawn il-ħwejjeġ li ġraw id-dixxiplu jista' jaqra aħjar il-ħajja preżenti tiegħu.

**[Lq:21:5-6]- Kien hemm xi wħud li bdew jgħidu fuq kemm it-tempju kien imżejjen b'ġebel sabiħ u għotjiet; iżda Ġesù qalilhom: "Kull ma qegħdin taraw, għad jiġi żmien li ma tibqax ġebla fuq oħra minnu li ma tiġġarrafx.**

***« kemm it-tempju kien imżejjen b'ġebel sabiħ u għotjiet »*** : Waqt li l-oħrajn qed jaraw dak li huwa estern, il-maesta' u l-estetika tat-tempju, Ġesu' qed jaqra dak li ser jiġri minn dan kollu. Huma qed jaħsbu fid-dawl mhux tal-"ħwejjeġ t'Alla, imma f'dawk tal-bnedmin" (Mk 8,33). Dak kollu mibni mill-bniedem huwa destinat li jintemm, differenti minn dak mibni mill-Ispirtu, il-ġisem tagħna (1 Kor 3, 16-17) li jibqa' jgħix f'ġisem glorjuż wara l-mewt.

**[Lq:21:7-8] U huma staqsewh u qalulu: "Mgħallem, issa dan meta għad jiġri? U x'se jkun is-sinjal li dawn il-ħwejjeġ ikunu waslu biex iseħħu?" Qalilhom: "Araw li ma titqarrqux. Għax għad jiġu ħafna f'ismi u jgħidu, 'Jien hu,' u, 'Iż-żmien wasal.' Tmorrux warajhom!**

***« issa dan meta għad jiġri? U x'se jkun is-sinjali »*** : Ħasbu li ladarba jsiru jafu ikunu jistgħu jikkontrollaw aħjar ħajjithom. Ġesu' ma jweġibx din id-domanda. « Dwar dak il-jum u s-siegħa ħadd ma jaf xejn la meta se jaslu, la l-anġli tas-sema u lanqas l-Iben : ħadd ħlief il-Missier waħdu. » (Mt 24,36).

*« Araw li ma titqarrqux »* : Id-dixxiplu jrid dejjem jitgħallem l-arti tad-dixxerniment, bħala opposizzjoni għal dak li jista' jingannah. L-ispazju reliġjuż u ekkleżjali jista' ikun anke post ta' qerq. Id-dixxiplu hu msejjaħ jgħid il-'Le' tiegħu quddiem dan kollu : « Tmorrux warajhom »

*« Għax għad jiġu ħafna f'ismi u jgħidu, 'Jien hu,' »* : Huwa l-isem t'Alla « JIEN-HU » (Eż 3,14). Ix-xewqa tas-salvatur tingannana u ġġiegħlna narawh f'oġġetti jew f'persuni li huma sempliċiment ħlejjaq bħalna. Jippreżentaw ruħhom bħala dawk li jsolvu kull problema u jrebbħu kull biża'. Il-bżonn tas-sikurezza għad-dixxiplu jmur kontra l-istedina ta' Ġesu' għar-riskju.

**[Lq:21:9-11] Meta tisimgħu min jitkellem fuq gwerer u taqlib fil-pajjiżi, tinħasdux għax jeħtieġ li l-ewwel jiġri dan, iżda t-tmiem ma jasalx minnufih." Mbagħad qalilhom: "Għad iqum ġens kontra ġens u saltna kontra saltna, l-art titheżżeż bil-kbir, f'ħafna bnadi jkun hemm il-ġuħ u mard li jittieħed, u fis-sema jidhru ħwejjeġ tal-biża' u sinjali ta' l-għaġeb.**
Id-dixxipli jistaqsu dwar it-tmiem. Ġesu' jirrispondihom dwar iż-żmien ta' qabel it-tmiem (ara Mt 24,36). Juri l-importanza tal-mument preżenti li huwa tħejjija konkreta għat-tmiem.
*« Meta tisimgħu min jitkellem fuq gwerer u taqlib fil-pajjiżi, tinħasdux »* : Qed jirreferi għall-gwerra ta' Iżrael li seħħet bejn is-snin 66-70. L-ewwel gwerra li seħħet kienet bejn tnejn minnies, aħwa : Abel u Kajjin (ara Ġen 4).
*« iżda t-tmiem ma jasalx minnufih »* : Il-ħażen kollu ma jwassalx għat-tmiem tad-dinja. L-ikbar ħażen diġa' sar meta l-bniedem wasal joqtol lil Alla. U dan ma kienx it-tmiem tad-dinja, imma l-bidu ta' dinja ġdida.
*« jeħtieġ li l-ewwel jiġri dan »* : Hija kelma użata b'referenza għas-salib : (ara Lq 9,22 eċċ.). Id-dixxiplu jrid jilħaq il-milja tad-dixxipulat tiegħu meta jasal sa fuq is-salib.
*« Għad iqum ġens kontra ġens … u fis-sema jidhru ħwejjeġ tal-biża' u sinjali ta' l-għaġeb »* : Il-bniedem qatt ma jista' ikollu dominju fuq id-dinja. Dan kollu huwa dejjem stedina għalih biex jintrabat ma' Dak li jibqa' għal dejjem.

**[Lq:21:12-19] Imma qabel dan kollu jixħtu idejhom fuqkom u jippersegwitawkom, jagħtukom f'idejn il-mexxejja tas-sinagoga u jitfgħukom il-ħabs, u jeħdukom quddiem slaten u gvernaturi minħabba f'ismi. Dan ikun jiswielkom biex tistgħu tagħtu xhieda. U żommu sewwa f'moħħkom: toqogħdux taħsbu minn qabel kif se tiddefendu ruħkom, għax jien nagħtikom kliem u għerf li kull min ikun kontra tagħkom ma jkunx jista' jiqaflu jew imerih. U jittradukom saħansitra l-ġenituri tagħkom u ħutkom u qrabatkom u ħbiebkom, u lil xi wħud minnkom joqtluhom, u kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi. Imma**

**xagħra waħda minn raskom ma tintilifx. Jekk tibqgħu sħaħ sa l-aħħar issalvaw ħajjitkom!**

Ġesu' mhux biss iħabbar it-tbatija u l-mewt tiegħu (Lq 9,21 ; 44-45 ; 18,31-34), iżda jħabbar ukoll it-tbatija u l-mewt tad-dixxipli tiegħu. Il-ħajja tad-dixxiplu titwaħħad mal-ħajja tal-Imgħallem.

***« Imma qabel dan kollu jixħtu idejhom fuqkom u jippersegwitawkom… »*** : Qabel « dan kollu », qabel il-ġrajja tal-gwerra ta' Iżrael ġraw ħwejjeġ oħra. Dritt wara l-Pentekoste l-Atti jirrakkonta x'ġara lil Pietru u lill-Appostli l-oħra. Ġakbu u Stiefnu nqatlu qabel il-qerda ta' Ġerusalemm. L-ikbar persekuzzjoni hija dik interjuri li ġejja mix-xitan : « l-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun jgħajjat, idur u jfittex lil min jibla' » (1 Pt 5,8).

***« jiswielkom biex tistgħu tagħtu xhieda »*** : Il-ħażen ser jikkonċentra fuq id-dixxiplu kif ġara lil Ġesu' : « Ftakru fil-kelma li għedtilkom : il-qaddej m'huwiex akbar minn sidu. Jekk ippersegwitaw lili, għad jippersegwitaw lilkom ukoll » (Ġw 15,20). Dan iservi għad-dixxiplu bħala okkażjoni biex huwa jagħti xhieda.

***« U żommu sewwa f'moħħkom: toqogħdux taħsbu minn qabel kif se tiddefendu ruħkom »*** : Ser ikun l-Ispirtu s-Santu li jitkellem f'isimhom : « Meta jeħdukom quddiem is-sinagogi u l-kapijiet u s-setgħat, toqogħdux tħabblu raskom kif sejrin twieġbu jew x'sejrin tgħidu, għax l-Ispirtu s-Santu jgħallimkom dak il-ħin stess x'għandkom tgħidu. » (Lq 12,11-12). Eżattament kif ġara wkoll lil Stiefnu quddiem is-Sinedriju (ara Atti 7). Il-lingwaġġ tal-Ispirtu huwa l-Imħabba.

***« kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi »*** : Id-dlam jobgħod id-dawl. Il-ħajja mhijiex xi ħaġa li trid iżżommha għalik bħalma huwa n-nifs. Jekk iżżommu fik tmut. « Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha » (Mk 8, 35). Il-ħajja trid tingħata.

***« Imma xagħra waħda minn raskom ma tintilifx »*** : Jekk wieħed jgħix skont l-Ispirtu, fl-Imħabba, xejn ma huwa ser jintilef minn dak li wettaq : « sax-xagħar ta' raskom, kollu magħdud » (12,7). Bl-atti tal-imħabba l-ħajja ssir iżjed qawwija mill-mewt. Kull meta d-dinja tidher li ser tispiċċa, għan-nisrani tkun bdiet.

***« Jekk tibqgħu sħaħ sa l-aħħar issalvaw ħajjitkom! »*** : Hawn wieħed jista' jaħseb li żbalja l-għażliet tal-ħajja. L-istorja presenti ssir il-post fejn id-dixxiplu jeżerċita l-perseveranza u l-paċenzja. Il-mumenti diffiċli jsiru għalih sejħa biex jibqa' jirreżisti fid-doni tat-tama u tal-fidi li rċieva. Hija s-sejħa kontinwa għal dan it-tip ta' martirju (xhieda). « Dawk li żammew sħiħ sal-aħħar, araw, aħna nqisuhom bħala hienja. Smajna bis-sabar ta' Ġob, u tafu kif bl-għajuna tal-Mulej hu għalaq jiem ħajtu ; għax il-Mulej jaf jagħder, u hu ħanin bil-bosta » (Ġak 5,11).

**GĦAR-RIFLESSJONI :**

***« I discepoli dovranno accettare serenament il fatto che essi non possono ricorrere ai metodi di chi li perseguita : la calunnia, l'ipocresia, la corruzione, la violenza. Dovranno convincersi che la loro forza sta in cio' che gli uomini considerano fragilita' e debolezza. Sono percore in mezzo ai lupi, non possono travestirsi da lupi. Se davvero saranno coerenti con le esigenza della loro vocazione, sara' Gesu', buon pastore, a difenderli. Dara' loro una forza alla quale nessuno potra' resistere : la forza della verita', dell'amore, del perdono. » (Fernando Armellini)***